MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 64/2011

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-4 ta’ Lulju, 1964 (Dok. A);

2. Illi l-kunsens tal-esponent inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista` mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga;

3. Illi l-kunsens tal-intimata kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli li jinqdew l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-esponent inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi l-intimata ghalkemm ma kinitx interdetta jew marida b'mohha ma kellhiex fiz-zmien li sar z-zwieg ukoll minhabba raguni temporanja setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens taz-zwieg;

**6.** Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex iz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet jigi dikjarat null ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-kontendenti kif aktar `il fuq riferit huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta hija kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokument li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur A B u l-intimata C B datat l-4 ta' Lulju 1964 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), (1)(d) u (1)(f) u (1)(h) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Min-naha taghha l-intimata, minkejja li giet debitament notifikata bl-atti tal-kawza, baqghet ma prezentat ebda risposta guramentata u ghalhekk hija kontumaci.

**<u>Il-verzjoni tal-attur</u>**

L-attur jghid li sa' mill-bidu taz-zwieg taghhom, l-intimata martu kien ikollha hafna relazzjonijiet ma' rgiel ohra, tant li sahansitra, kienet taghmel dan b'mod miftuh u pubbliku. Dan l-agir da parti taghha kien b'mod regolari sakemm fl-ahhar marret tghix ma' ragel li jhaddimha fil-prostituzzjoni. Minkejja dan kollu, l-attur kien jahfrilha ghall-agir taghha ghax kien ihobbha. L-attur jghid li baqa' jhobb lil martu anke wara li skopra li z-zewg ulied li twieldu fiz-zwieg m'humiex verament uliedu, tant li hu habbhom u baqa' jhobbhom daqs li kieku huma verament uliedu.

L-attur iddecieda li ma setax jahfrilha aktar meta sema' li qed tipprostitwixxi ruhha u kkonferma dan b'ghajnejh stess (flimkien ma' wliedu Leslie B u huh Joey B) meta nizlu f'wahda mit-triqat maghrufa ghal dan l-iskop u raha hu stess titlajja. Wara dan l-episodju ddecieda li ma kellu ebda mod ta' kif jista' jzomm lil martu f'hajtu ghaliex kienet waqghet tant fil-baxx. Sussegwentement ghal dan, l-intimata marret tghix ma' ragel li ismu m'ghandux ghalfejn jissemma u li dan tal-ahhar kien ihaddimha fil-prostituzzjoni. Minn dak iz-zmien, l-intimata qatt ma regghet irritornat lura lejn id-dar u qatt ma wriet l-icken interess f'uliedha.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar l-4 ta' Lulju 1964 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Leslie B, iben l-intimata li jikkonferma li ommu kienet qed tipprostitwixxi

ruhha izda jghid li qatt ma ried jindahal. Izda jikkonferma wkoll l-episodju fejn hu, flimkien mal-attur missieru u huh Joey kienu qabdu lil ommu titlajja fi triq maghrufa ghall-prostituzzjoni gewwa l-Gzira. Ix-xhud jikkonferma dak kollu li jghid l-attur kwantu ghall-fatt li l-intimata marret tghix ma' ragel u li fuq kollox qatt ma regghet marret lura d-dar taghhom jew tat kasu jew lil hutu.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Grace B li tikkonferma kemm ommha kellha relazzjonijiet adulteri u tghid li ommha kienet influwenzata minn ommha li kienet tlaqqa' u tigbor in-nies ghandha ghal skop ta' sess bi hlas. Ix-xhud tikkonferma dak li jghid huha Leslie fis-sens li ommha kellha diversi rgiel, inkluz wiehed li damet mieghu diversi snin u li wara li telqet mid-dar, kien missierha li ha hsieb lil hutha z-zghar ghax ommha qatt ma wriet interess fihom. Tghid li ommha giet taqa' u tqum mid-doveri taghha bhala omm u bhala mara mizzewga filwaqt li missierha baqa' jahdem hafna ghall-familja.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Maria B li tigi wkoll bint il-partijiet u li tikkonferma wkoll in-numru ta' rgiel li kellha ommha u cioe' l-intimata tant li ssemmi episodji fejn ommha, minflok kienet toqghod tistenna wara n-nies ghand tal-forn, kienet tmur f'kamra fuq in-naha ta' wara tal-forn u taghmel hin twil hemm mal-furnar filwaqt li lilha kienet tghidilha biex tistenniha barra. Il-hin kien ikun twil tant li x-xhud kienet tiddeciedi li terga' tmur id-dar. Gieli kienet tahsad lil ommha wkoll ghand il-furnar u tinnuthom hirgin minn din il-kamra fi zmien qasir, b'ommha tirranga l-hwejjeg li ovvjament taghti x'jifhem dwar x'kien ikun ghaddej f'din il-kamra. Ix-xhud tikkonferma wkoll li ommha kienet tipprostitwixxi ruhha u li kien ikun hemm nies li jinkuha b'dan il-fatt kif ukoll li wara l-episodju fejn missierha qabadha tipprostitwixxi ruhha fil-fatt, ommha qatt ma regghet irritornat lura d-dar u halliet lil missierha jiehu hsieb l-ulied wahdu minghajr ma qatt tat kaz tal-istess ulied.

Illi dwar Artikolu 19 (1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-Qorti

tirrileva li mill-provi prodotti, ma hemmx prova dwar xi forma ta’ qerq li setghet ikkommettiet l-intimata fil-konfront ta’ zewgha. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li l-istess provi ma jaghtu ebda indikazzjoni ta’ x’gara qabel iz-zwieg.

F’dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat li “***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***”. Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine** gie sostnut ukoll li “***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***”.

Il-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attur ma jressaq ebda prova konkreta dwar xi forma ta’ aspett li permezz tieghu seta' jipprova tali bazi ghal dikjarazzjoni ta’ annullament abbazi tieghu. Hu minnu li jista’ jkun li l-qerq

li qieghed jalludi ghalih huwa l-fatt li l-intimata ghexet iz-zwieg b'agir irresponsabbli u b'mod mhux dinjituz pero' il-Qorti m'ghandha ebda prova konkreta dwar liema forma ta' qerq qed jilmenta dwaru l-attur u prova antecedenti ghaz-zwieg li tista' taghti prova ta' dan l-istess qerq allegat. Konsegwentement, il-Qorti thoss li ma jirrizultawx l-elementi necessarji msemmija fil-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba attrici abbazi ta' dan l-Artikolu.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-intimata kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimata minhabba anomalija psikologika serja kienet inkapaci milli taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg bl-aktar mod irresponsabbli ghall-ahhar, tant li l-attur (u dan bl-ebda mod m'hu kontradett) jghid li l-adulterju u l-hajja ixxellerata da parti tal-intimata martu kienet parti integrali mill-hajja taghhom bhala koppja. Jidher car li l-intimata riedet tibqa' tghix dik il-hajja ta' hafna rgiel, ta' adulterju u fuq kollox ta' prostituzzjoni, liema agir juri li l-intimata qatt ma verament fehmet x'inhu zwieg u x'jirrikjedi minnha z-zwieg. Huwa minnu li l-adulterju m'huwiex bazi ghal talba ta' annullament, pero' f'dan il-kaz partikolari, jidher car li l-adulterju, jew ahjar il-hajja ixxellerata tal-intimata kienet *a way of life* li adottat l-istess intimata.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li***

***ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***”***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tal-provi migjuba quddiemha jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimata ma kellhiex dik id-*discretio judicii* sabiex verament taghti l-kunsens taghha fis-sens li tifhem verament ghal x’hiex kienet diehla u ghal-liema forma ta’ responsabbilita’ kienet qed tidhol ghaliha. Dan jirrizulta wkoll mill-fatt li l-intimata lanqas ma assumiet ir-responsabbilita’ ghal dak li jirrigwarda l-ulied ghaliex qabdet u abbandunathom biex tmur tghix ma’ ragel li jhaddimha ghall-prostituzzjoni filwaqt li halliet lill-attur ifendi ghal rasu wahdu biex irabbi u jassumi r-responsabbilita’ tal-ulied wahdu.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens kien vizzjat b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed

jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg il-Qorti tirrileva li l-attur ma jressaq ebda prova dwar il-mument propizju u cioe' l-mument tal-kunsens.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament provat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Illi sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg abbazi ta' dan l-Artikolu, l-partijiet iridu necessarjament jippruvaw li huma eskludew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg li jinkludi fost ohrajn il-fedelta' lejn il-parti l-ohra. Huwa minnu li jirrizulta li l-intimata qatt ma kienet fidila lejn l-attur pero' dan mhux prova konkreta dwar l-intenzjoni taghha fil-mument tal-kunsens. Dan qieghed jinghad ghaliex l-attur ma jsemmi xejn dwar zmien l-gherusija u l-gurnata li fiha sar il-kunsens sabiex jipprova jargumenta dwar tali artikolu. Fid-dawl ta' tali nuqqas, il-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' din it-talba *ai termini* ta' dan l-artikolu proprju minhabba nuqqas ta' prova dwaru.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(h) u cioe' li l-kunsens ta' l-intimata kien vizjat stante li ghalkemm mhux interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Briffa Emmanuel Vs Briffa Veronica Et**[1] fejn b'referenza ghall-Artikolu hawn citat, gie ritenut li "***Meta parti tkun qed taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg hi ghandha***

[1] Deciza nhar it-2 ta' April 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***tgawdi grad ta' liberta` psikologika li tkun necessarja u sifficjenti li tassigura l-poteri bazici ta' l-ghazla***". Ghalhekk, sabiex jigi pruvat li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ta' dan l-Artikolu, kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li fil-hin tal-kunsens, l-intimata ma setghetx taghti kunsens liberu u ma kellhiex rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Il-Qorti f'dan l-istadju qeghda taghmel 2referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994 fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb'ohra jerga' jigi rilevat li fin-nuqqas ta' provi konkreti reltatati ma' dan l-Artikolu kif ukoll dwar il-mument important tal-kunsens, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu ma jistax ikun applikat fil-kaz odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------